SANNAT

Minuti ta' tlieta u erbgħin laqgħa li saret b'urġenza tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ħamis, 15 ta' Marzu, 2012 fit-7.45 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada<br>Joseph Bajada<br>Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali:<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1. Approvazzjoni tal-kontijiet**

2103 Din il-laqgħa issejħet b'urġenza sabiex jiġu approvati l-kontijiet pendenti tal-Proġett tal-Recreational Area tad-Daħla taċ-Ċnus. Preżenti għal din il-laqgħa kien preżenti wkoll il-perit Edward Scerri.

Il-perit spjega d-differenza tal-items tal-Bill of Quantities tat-tender għal dawk attwali. Hu spjega li kien hemm ċertu items li ġew irħas u oħrajn li ġew iżjed. Il-Kunsillier Teddie Bajada staqsa kif l-item 4 u item 5 li kienu jittrattaw dwar il-bini tal-ħitan tas-sejjieħ u rikostruzzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ ġew jiswew €15,930, meta fil-fatt kienu stmati li ser jiġu jiswew €7,813. Hu ġie nfurmat li dan ġara għar-raġuni li l-Kunsill kien iltaqa' mal-kuntrattur waqt laqgħa tal-Kunsill u approva l-proposta tal-kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. biex flok jiġu rranġati, jinbnew mill-ġdid. Fil-fatt wieħed minnhom inbena mill-qiegħ u ieħor parti minnu nbniet mill-qiegħ u parti oħra ġiet irranġata. Il-perit semma wkoll li l-kejl tiegħu hu ferm inqas minn dak li kejjel il-kuntrattur u ppreżenta l-kont tat-kuntrattur. Is-Segretarju kkonferma dak li qal il-perit, inkluż li l-korrispondenza li għaddiet bejn il-kuntrattur u l-perit li ġiet kollha kkomunikata lill-Kunsilliera u li d-deċiżjoni tad-tibdil kienet tal-Kunsill waqt laqgħa tal-Kunsill. Il-perit ikkonferma wkoll li kien informa lill-Kunsill rigward id-differenza tal-grass blocks għaliex tal-50mm ma kienx hawn fis-suq u li hawn kienu tal-100mm.

Il-Kunsill approva d-differenza tal-pagament tal-kostruzzjoni tal-proġett lil Gatt Tarmac Ltd. wara li kien tħallas l-interim payment. It-total tax-xogħol kollu kien ta' €30,076.67ċ bil-VAT u 5% tal-contracts management fee. It-total mingħajr il-5% tal-contrats manager fee kien jammonta għal €28,572.84ċ. L-interim payment li kien tħallas kien ta' €17,368.00ċ. Għalhekk il-kuntrattur kien għad baqagħlu jieħu €11,204.84ċ.

SANNAT

Il-Kunsill approva l-kont ta' Mario Mallia għall-bollards li kien ta' €363.30ċ.

2104 Infetħu l-kwotazzjonijiet għall-provvista u twaħħil ta' travertine dressings tal-bibien tal-lift li kienu.

**Hand Quotations**

**Hand quotation for the supply and fitting of travertine dressings for the lift access doors at new Sannat Local Council Offices at Triq Sannat, in Sannat**

| No. | Contractor | Amount |
|---|---|---|
| 1. | A. F. Ellis (Marble works Ltd.) | €1,475.00c |
| 2. | Axiaq Bros. | €1,822.50c |
| 3. | Fred Marble | €13,09.46c |

Il-Kunsill għażel dik ta' Fred Marbles li kienet l-irħas waħda.

2105 Infetħu l-kwotazzjonijiet tal-ġebla biex titpoġġa fir-recreational area li kienu:

**Hand Quotations**

**Quotation for the supply and fixing in place of a stone with a flat surface to fix a memorable plaque at "Id-Daħla taċ-Ċnus Recreational Area" in Sannat**

**Closing date 5th March 2012 at noon**

| No. | Contracter | Amount |
|---|---|---|
| 1. | Joseph Portelli Projects | €1,380 |
| 2. | Gatt Tarmac Ltd. | €1,099 |

Il-Kunsill qabel li dawn il-kwotazzjonijiet kienu għoljin wisq.

2106 Infetħet l-unika kwotazzjoni li inxeħtet għat-tqaxxir ta' wiċċ it-triq biswit ir-Recreational area tad-Daħla taċ-Ċnus li kienet:

**Quotations 01 /2012**

**Quotations for Scarifying works at id-Daħla taċ-Ċnus**
**Closing date 17th February 2012**

SANNAT

| No. | Contractor | Amount |
|---|---|---|
| 1 | Gatt Tarmac Ltd. | €8019 |

2107 Infetħu l-kwotazzjonijiet tas-soiling of grass-blocks at id-Daħla taċ-Ċnus

**Quotations 01 /2012**

**Quotations for Soiling of grass-blocks at id-Daħla taċ-Ċnus**
**Closing date 17th February 2012**

| No. | Contractor | Amount |
|---|---|---|
| 1. | Gatt Tarmac Ltd. | €837.20 |
| 2. | Pius Attard | €599.20 |

Il-Kunsil għażel dik ta' Pius Attard li kienet l-irħas waħda.

Il-laqgħa spiċċat fid-8.40 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die.

Arthur Bajada

Segretarju Eżekuttiv

Philip Vella

Sindku